MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 666/2004

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Anthony Scicluna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit-30 ta` Marzu, 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u disgha u tmenin lira u tlett centezmi (Lm289.03), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contact number 01792 ghal servizzi lilu rezi bejn ix-xhur ta` Frar u Mejju, 2003.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tal-5 ta` Dicembru, 2003 u bl-imghaxijiet sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal istess talba attrici.

Sema` ix-xhieda tal-P.L. Peter Paul Sammut illi bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ra li l-konvenut baqa` ma deherx ghas-seduta ta` llum biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut Anthony Scicluna jhallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` mitejn u disgha u tmenin lira u tlett centezmi (Lm289.03), bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` l-ittra ufficcjali tal-5 ta` Dicembru, 2003 u bl-ispejjez kollha a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------